CCT/109/15/S

Reno Veneziani
Vs
Ideal Bathrooms Limited

Illum 14 t'April,2016.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Reno Veneziani datata pprezentata fil-25 ta'Mejju,2015 u r-risposta tas-socjeta intimata pprezentata fit-22 ta'Gunju,2015;

Ra d-dokumenti varji pprezentati u r-rapport tal-espert Perit Abigail Scicluna Lewis, sema' lill-partijiet kif ukoll l-avukati rispettivi;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda madum tal-art mixtri mir-rikorrent minghand is-socjeta intimata u li skont l-istess rikorrent ma kienx tal-kwalita pattwita;

Illi jinghad mal-ewwel li l-kwalita ta' madum, hi materja teknika u kien ghalhekk li tqabbdet l-espert il-Perit Abigail Scicluna Lewis ghal dan il-ghan;

Illi fid-decizjoni moghtija fid-19 ta'Novembru,2001 fl-ismijiet "**Calleja vs Mifsud**" il-Qorti tal-Appell argumentat li :

"*...Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta'fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti.*

*Il-Qorti ma kienitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra.*

*Mill-banda l-ohra pero, huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova...*";

Illi jigi sottolineat li dan it-Tribunal, kif obbligat li jaghmel, gharbel minn lenti kritika r-rapport tal-espert pero ma ra ebda lok li jiskartah;

Illi l-espert tekniku nominata minn dan it-Tribunal kienet cara fil-konstatazzjonijiet taghha u cioe li ghalkemm il-madum hu mibrum "*However as with all other tiles, the tiles have an acceptable level of warpage which falls within the EN 14411 classification.*"[1]

Illi ghalhekk kwalunkwe brim kien f'livell accettabbli u l-espert ikkonfermat li l-brim jidher iktar minhabba l-mod ta' kif twahhal il-madum;

Illi ghalhekk skont l-espert tekniku, it-tqeghid tal-madum seta' sar b'mod li l-brim tal-madum ma jigix emfasizzat izda skont l-istess Perit "*the standard of workmanship with respect to tile laying is not of a very high level and this is making the tiles look worse than they are*";[2]

Illi l-Qrati taghna kemm-il darba esprimew rwiehhom li l-konkluzjoni ta' espert m'ghandhiex tigi skartata b'mod legger;

[1] Pagna 1 tar-rapport imhejji mill-espert tekniku il-Perit Abigail Scicluna Lewis
[2] Pagna 2 tar-rapport imhejji mill-espert tekniku il-Perit Abigail Scicluna Lewis

Illi fil-fatt il-Qrati taghna ma jistawx jinjoraw relazzjoni peritali sakemm ma jkunux konvinti li l-konkluzjoni ta'tali relazzjoni ma kinitx gusta u korretta u din il-konvinzjoni trid tkun wahda motivata minn gudizzju ben infurmat, anki fejn mehtieg mill-lat tekniku[3];

Illi kif inghad mill-Qorti tal-Appell fid-decizjoni moghtija fit-23 ta'Gunju,1967 fil-kawza fl-ismijiet "**Bugeja et vs Muscat**":

*"...Il giudizio dell'arte espress mill-perit tekniku ma jistax u m'ghandux, aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta lilha moghtija ta'talba ghan-nomina ta'periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke ma jkunx jidher sodisfacebtement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli...";*

Illi wara li gie pprezentat ir-rapport tal-espert, il-partijiet ma kkontestawx is-sustanza tal-kontenut tieghu;

Illi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal jaghmel tieghu il-konkluzjonijiet milhuqa mill-espert mahtura minn dan it-Tribunal;

Illi jinghad ukoll li r-rikorrent kellu jispezzjona t-tqeghid tal-madum waqt li jkun qed jitwahhal ghax kieku ghamel hekk, l-opzjonijiet tieghu kienu jkunu iktar minn dawk li ghandu issa wara li l-madum kollu tqighed;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta Ideal Bathrooms Limited filwaqt li Jichad it-talba ta' Reno Veneziani, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mir-rikorrent Reno Veneziani.

Richard Sladden Av.
Arbitru

[3] "**Cauchi vs Mercieca**" deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 t'Ottubru,1999 u "**Calleja noe vs Mifsud**" deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta'Novembru,2001.